MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 346/1998/1

**Red Rocks Investments Limited**

**Vs**

**Ronald Henry Chetcuti**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess socjeta attrici s-somma komplessiva ta' Lm800.00 (tmin mitt lira Maltin) dovut bhala bilanc minn somma akbar prezz ta' vettura Bedford Astra (H-9344) lill-konvenut mibjugha mis-scojeta' attrici fis-26 ta' Frar, 1991 liema somma il-konvenut kien obbliga ruhhu li jhallas sa mhux aktar tard minn sbatax il-xahar wara l-bejgh u cioe' sas-26 ta' Lulju, 1992 u dana bl-imghax relattiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittri ufficjali tal-21 ta' Frar, 1996 u tas-6 ta' Frar 1998, bl-imghax legali mis-

26 ta’ Lulju, 1992 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 10 ibid) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi, fl-ewwel lok, is-socjeta’ Red Rocks Investments Limited ghandha taghmel il-prova opportuna li hija ntitolata skond il-ligi sabiex tipprocedi fil-konfront ta’ l-eccipjenti.
2. Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont pretiz skond l-avviz odjern mhux dovut.
3. Bir-rizerva ta’ eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri sottomessa mill-konvenut (fol 43 ibid) u li biha eccepixxa:-

Illi permezz taghha qed jeccepixxi l-preskrizzjoni kwinkwennali.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-abili difensur tas-socjeta attrici (fol 59 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jigi notat preliminarjament illi s-socjeta attrici meta intavolat dan l-avviz, ibbasata fuq talba in konnessjoni ma ‘bilanc minn somma akbar prezz ta’ vettura …” liema prezz skond l-istess avviz kellu jithallas mill-konvenut mhux aktar tard minn sbatax-il (17) xahar mill-istess bejgh cjoe sas-26 ta’ Lulju 1992. Mill-premess jidher li <u>din ma hiex “actio cambiaria</u>” avolja, in atti, gew, esebiti <u>tmien (8) kambjalijiet</u>, kemm fl-original kemm in fotokopja, liema kambjalijiet ghandhom dati ta’ maturita li jmorru mis-26 ta’ Dicembru 1991 sas-26 ta’ Lulju 1992 b’import ta’ Lm106.40 il-wahda, b’kollox Lm851.20,0. Ghalhekk dawn il-kambjalijiet qed jigu konsiderati bhala prova prodotta mis-socjeta attrici in rigward dak kontenut fihom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, meta l-konvenut issottometta l-eccezzjoni ulterjuri in esami ossija l-preskrizzjoni kwinkwennali, hu ma specifikax l-artikolu applikabbli f'dan il-kaz. Difatti l-Qorti tara li din l-eccezzjoni setghet tinkwadra ruhha kemm taht l-artikolu 542 tal-Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta kemm taht l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 ibid. Minhabba hekk, il-Qorti tara li ma tistax tikkonsidra din l-eccezzjoni minhabba dan in-nuqqas da parti tal-konvenut li jispecifika l-artikolu tal-ligi applikabbli ghal din l-eccezzjoni.

Illi, cjononostante, il-Qorti innotat illi l-bejgh/tpartit in esami kien sar fis-26 ta' Frar 1991 (ara fol 38 tal-atti) u s-somma li kellha tithallas, bhala parti mill-prezz fi flus kontanti, kienet tammonta ghal Lm2000.00 dovuta kwantu ghal Lm250.00 ghall-ewwel xahrejn waqt, il-bilanc ta' Lm1500.00 kellu jithallas b'rata ta' Lm100.00 fix-xahar, Fil-21 ta' Frar 1996 kienet giet presentata ittra ufficjali li vera kopja taghha, bin-notifika relattiva tinsab annessa a fol 54 tal-istess atti. Minn dan jidher illi, f'kaz li l-preskrizzjoni kwinkwennali kienet, filfatt, applikabbli f'dan il-kaz, kienet saret l-interruzzjoni, skond il-ligi, qabel ma skada l-istess perijodu.

Illi ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u tordna li dan il-kaz jitkompla fil-meritu billi jigu prodotti l-provi dwar dak li xehed il-konvenut a fol 45 tal-atti specifikatament dwar l-allegat pagament u imghaxijiet eccessivi.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------